MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## FrontierForex, Frontiers Group Global Investment jew Frontiers Group Investment Ltd – http://frontierforex.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") hija konxja ta' entità li qed topera taħt l-ismijiet FrontierForex, Frontiers Group Global Investment jew Frontiers Group Investment Ltd u li hija magħrufa li għandha preżenza fuq l-Internet fuq *http://frontierforex.com/*. Din l-entità tgħid li għandha liċenzja maħruġa mill-MFSA.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li l-entità msemmija hawn fuq **MHIX** kumpannija reġistrata f'Malta u **LANQAS ma** hi entità liċenzjata mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju. Il-websajt imħaddma minn din l-entità fiha informazzjoni falza u qarrieqa. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jagħmilx transazzjonijiet jew b'xi mod ieħor jirrelata ma' din l-entità.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-persuna jew l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hi liċenzjata jew hi awtorizzata mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba biex tipprovdi tali servizzi.

Lista ta' entitajiet liċenzjati u awtorizati mill-MFSA hija disponibbli mingħand L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'aċċess minn: www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 04-2014**
**17 ta' Marzu 2014**